MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1441/2002/1

**Peter Gauci**

**Vs**

**Christopher Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju, 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas Lm559.25 (hames mija u disa' u hamsin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bhala hlas ghal danni kkawzati fuq vettura:**

**"Thallas lill-attur is-somma ta' Lm559.25 (hames mija u disa' u hamsin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bhala danni li sofra l-attur meta fil-vettura**

**tieghu kienet misjuqa minn bintu Claudine Gauci, l-konvenut bil-car numru NJM 023, tilef il-kontroll tal-vettura minnu misjuqa u baqa' diehel fil-vettura propjeta tal-attur bin-numru tar-registrazzjoni ABI 914.**

**Illi l-incident de quo sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 22 ta' April, 2002, bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni skond il-ligi."**

**Ra r-risposta:**

**1. "It-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda htija tal-attur ossia l-persuna li kienet qed issuq il-vettura proprjeta' tal-attur fil-hin tal-incident.**

**2. Konsegwentement ma hemmx danni x'jithallsu. Madanakollu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu igib il-prova tad-danni stante illi l-ammont reklamat huwa eccessiv.**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi."**

**Illi l-provi f'din il-kawza gew migbura fil-kawza li instemghet kontestwalment billi kienet tirrigwardja l-istess kollizzjoni. Avviz numru 1214/02 u Mariano Camilleri vs Claudine Gauci. L-attur esibixxa d-dokumentazzjoni relattivi tad-danni a Fol 29 sa 41. Dawn id-danni ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu accettati li jammontaw ghal hames mija, disgha u hamsin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm559.25).**

**Illi l-kwistjoni tar-responsabbilta giet trattata w deciza fil-kawza l-ohra gia indikata.**

**Jiddeciedi billi fil-waqt li jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident: jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u disgha u hamsin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm559.25).**

**Bl-ispejjes u interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------